MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tad-9 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 1138/2008

Dottor Michelle **TABONE** fil-kwalita' tagħha ta' Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof, Amministratur tal-Beni Ekkleżjastiċi kollha ta' Malta għan-nom tal-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija tal-Mosta u tal-Oratorju tal-Qalb ta' Ġesu', Mosta, kif ukoll tal-Azzjoni Kattolika u ż-Żgħażagħ Azzjoni Kattolika, Mosta

vs

**MIZZI GROUP LIMITED** (C-21948) u Desmond Mizzi

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-14 ta' Novembru, 2008, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-attriċi *nomine* talbet li din il-Qorti (i) issib li l-ħaxix sintetiku (*turf*) – FTOS 1

*Fieldturf* 52 mm – mibjugħ, supplit u mqiegħed mill-imħarrkin fil-bitħa tal-Oratorju tal-Qalb ta’ Ġesu’, fi Triq it-Torri, fil-Mosta, ma kienx skond l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, lanqas ma kien tal-kwalita’, materjal u kapaċita’ miftehmin u garantiti bil-kuntratt tal-1 ta’ Mejju, 2002, li sar bejn il-partijiet; (ii) tikkundanna lill-imħarrkin biex jibdlu l-istess ħaxix sintetiku skond il-patti miftehma u dan fiż-żmien qasir u perentorju li jogħġobha tiffissalhom; (iii) tawtorizżahom sabiex, f’każ li l-imħarrkin jonqsu li jibdlu l-imsemmi ħaxix fiż-żmien mogħti lilhom, jibdluh huma bi spejjeż għall-imħarrkin u taħt is-superviżjoni ta’ perit li l-Qorti tista’ taħtar għal dan il-għan. Talbet ukoll l-ispejjeż u żammet sħiħ kull jedd ta’ azzjoni ulterjuri kontra l-istess imħarrkin;

Rat id-degriet tagħha tal-25 ta’ Novembru, 2008, li bih ordnat in-notifika lill-imħarrkin u tat direttivi lill-attriċi *nomine* dwar it-tressiq tal-provi min-naħa tagħha;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa fid-9 ta’ Diċembru, 2008, li biha l-imħarrkin laqgħu għall-azzjoni attriċi billi, b’mod preliminari, qalu li (a) huma ma kinux il-kontraditturi leġittimi tal-azzjoni attriċi għaliex il-garanzija tal-prodott ma tawhiex huma, iżda l-kumpannija barranija li mingħandha nxtara l-ħaxix sintetiku, jiġifieri Italgreen SpA; (b) l-imħarrek Desmond Mizzi personalment m’huwiex lanqas il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi għaliex hu ma deherx fuq il-kuntratt li bih inxtara l-prodott u għalhekk imissu jinħareġ mill-kawża bi spejjeż għall-attriċi; (ċ) u (d) safejn l-azzjoni attriċi tinbena fuq il-kwalita’ tal-prodott mixtri, l-azzjoni attriċi waqgħet bil-preskrizzjoni maħsuba fl-artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili u hija f’kull każ legalment inammissibbli għaliex l-ebda talba li saret ma taqbel ma’ dak li jipprovdi l-artikolu 1390 tal-istess Kodiċi; (e) l-azzjoni hija insostenibbli għaliex l-atturi baqgħu jużaw il-ħaxix sintetiku għal żmien twil wara li xtrawh, bla ma għaddew biex raddewh lura jew iddepożitawh, u mhux xieraq li jippruvaw jistagħnew bla mistħoqq billi jitolbu li jingħatalhom ieħor ġdid; u (f) li l-atturi Knisja Parrokkjali tal-Mosta, l-Oratorju tal-Qalb ta’ Ġesu’, u l-Azzjoni Kattolika m’għandhom l-ebda *locus standi* f’din il-kawża għaliex huma ma kinux parti fil-kuntratt li bih inxtara l-

ħaxix sintetiku. Fil-mertu, laqgħu billi qalu li t-talbiet attriċi m'huma bl-ebda mod fondati fil-fatt u fid-dritt għaliex il-ħaxix sintetiku mibjugħ kien skond dak li kien miftiehem u x-xogħol tat-tqegħid tiegħu sar kif jitolbu s-sengħa u l-ħila. F'kull każ, jekk hemm xi ħtija għal dak li ġara, din għandha terfagħha Italgreen SpA u mhux l-imħarrkin;

Rat id-degriet tagħha tal-15 ta' Jannar, 2009, li bih ċaħdet talba magħmula mill-imħarrkin b'rikors tagħhom tad-9 ta' Diċembru, 2008, biex tissejjaħ fil-kawża l-kumpannija barranija Italgreen SpA;

Rat id-degriet tagħha tat-12 ta' Jannar, 2010[1], li bih ordnat li qabel kull ħaġ'oħra l-Qorti sejra tqis it-tielet u s-sitt eċċezzjonijiet preliminari tal-imħarrkin;

Rat il-verbal tas-smigħ tal-5 ta' Ottubru, 2010, li fih l-avukati tal-partijiet iddikjaraw li ma kellhomx provi xi jressqu dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat id-degriet tagħha tal-5 ta' Ottubru, 2010, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza dwar l-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni għal kundanna ta' bdil ta' prodott provdut b'ieħor skond kif miftiehem. L-atturi jgħidu li tapit ta' ħaxix sintetiku li nxtara mingħand l-imħarrkin u li tqiegħed mill-istess imħarrkin fil-bitħa tal-Oratorju tal-Qalb ta' Ġesu' fil-Mosta ma kienx tal-kwalita' miftehma u, wara ftit taż-żmien therra u tberfel, minkejja li kien garantit għal tmien (8) snin. Iridu li l-imħarrkin ineħħuh u jbiddluh b'ieħor ġdid u tal-kwalita' miftehma;

[1] Paġ. 90 tal-proċess

Illi għal din l-azzjoni, l-imħarrkin laqgħu b'għadd ta' eċċezzjonijiet. Dawk preliminari jitkellmu dwar min imissu kien imħarrek u min kien imissu fetaħ il-kawża; fuq jekk l-azzjoni attriċi waqgħetx bil-preskrizzjoni; fuq jekk ir-rimedju mitlub huwiex wieħed li l-liġi tippermetti; u fuq jekk ladarba l-ħaxix inżamm u ntuża, tistax titressaq iżjed azzjoni bħal dik tal-atturi. Tressqu wkoll eċċezzjonijiet fil-mertu;

Illi din is-sentenza qiegħda tingħata dwar (i) l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għall-finijiet tal-artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili; u (ii) dwar jekk il-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija tal-Mosta, l-Oratorju tal-Qalb ta' Ġesu' u l-Azzjoni Kattolika għandhomx *locus standi judicio* biex iressqu u jmexxu 'l quddiem din il-kawża;

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li fl-1 ta' Mejju, 2002[2], sar ftehim bejn Brian Cassar f'isem il-fergħa tal-Azzjoni Kattolika tal-Mosta u l-imħarrek f'isem il-kumpannija mħarrka għall-provvista u t-tqegħid ta' tapit ta' ħaxix sintetiku ta' firxa fuq madwar elf u mitejn metru kwadru fil-bitħa tal-Oratorju tal-Qalb ta' Ġesu' fil-Mosta u dan taħt il-patti u l-kundizzjonijiet hemm imfissra. Il-ħaxix sintetiku sar minn kumpannija taljana bl-isem ta' Italgreen SpA. It-tapit kien iġorr garanzija ta' tmin (8) snin skond it-termini mogħtija mill-istess kumpannija. Il-prezz miftiehem ta' tlieta u tletin elf lira Maltija (Lm 33,000) kien jinkludi l-materjal u x-xogħol tat-tqegħid tat-tapit fuq sodda ta' żrar li kellu jħejji l-Oratorju fuq speċifikazzjonijiet tal-kumpannija mħarrka;

Illi t-tapit tqiegħed fit-tieni nofs tas-sena 2002[3]. Beda jintuża regolarment. Madwar sentejn wara t-tqegħid, il-wiċċ beda juri sinjali ta' therrija. Rappreżentanti ta' Italgreen li nġabu Malta biex jispezzjonaw il-wiċċ dehrilhom li kollox kien f'postu. Fl-2005, deher li l-wiċċ kien tqagħbar u reġa' sar kuntatt mal-kumpannija mħarrka;

[2] Dok "ZAK1", f'paġ. 5 sa 12 tal-proċess
[3] Affidavit ta' Chris Cuschieri f'paġ. 61 tal-proċess

Illi f'Jannar tal-2007, l-Oratorju qabbad espert barrani biex jagħti l-fehma tiegħu dwar x'seta' wassal biex il-wiċċ tat-tapit tgħarraq u tberfel qabel iż-żmien. Ir-rapport tħejja fi Frar tal-2007[4]. F'dak iż-żmien, l-istess espert kien ra u eżamina wkoll xi proġetti ta' tqegħid ta' twapet ta' ħaxix sintetiku provdut mill-istess kumpannija barranija u mqiegħda mill-kumpannija mħarka fi bnadi oħra f'Malta u li wkoll urew tgħarriq qabel iż-żmien. Fil-31 ta' Ottubru, 2007[5], l-atturi interpellaw lill-imħarrkin b'ittra uffiċjali biex jibdlu t-tapit b'ieħor tal-kwalita' miftehma u biex iħallsu d-danni. Fl-14 ta' Novembru, 2008, infetħet din il-kawża;

Illi minn kif inhuma mfasslin iż-żewġ eċċezzjonijiet taħt eżami, jeħtieġ li l-<u>konsiderazzjonijiet ta' natura legali</u> marbutin magħhom jitqiesu fuq żewġ ordni ta' ħsieb. Dan qiegħed jingħad għaliex filwaqt li fil-każ tat-tielet eċċezzjoni preliminari (dik tal-preskrizzjoni) l-eżitu tagħha jista' jkollu effett li jwaqqaf is-smigħ tal-kawża jekk kemm-il darba l-eċċezzjoni tirriżulta li hija tajba, fil-każ tas-sitt eċċezzjoni preliminari (dik dwar jekk uħud mill-atturi għandhomx *locus standi* f'din il-kawża) il-kawża ma tintlaqatx mortalment ukoll jekk dik l-eċċezzjoni tintlaqa'. Xieraq għalhekk li l-Qorti tqis l-ewwel l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni u mbagħad, jekk ikun il-każ, l-eċċezzjoni preliminari l-oħra;

Illi dwar l-**eċċezzjoni tal-preskrizzjoni**, l-imħarrkin jgħidu li l-atturi qegħdin iressqu l-azzjoni tagħhom fuq il-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ, b'mod partikolari taħt l-artikolu 1390 tal-Kodiċi Ċivili. Huma jisiltu din il-fehma minħabba li fir-Rikors Maħluf jintużaw frażijiet bħal "mhux tal-kwalita' miftehma" u "mhux tajjeb għall-użu li għalih ġie mixtri". Ladarba kull azzjoni dwar tħassir tal-bejgħ u l-ħlas tad-danni jew ta' tnaqqis tal-prezz taqa' f'għeluq sentejn minn dak inhar tal-kuntratt, dan ifisser (skond l-imħarrkin) li l-azzjoni tal-lum waqgħet għaliex il-kuntratt sar fl-2002 u l-kawża nfetħet fl-2008;

Illi waqt it-trattazzjoni quddiem il-Qorti, l-għaref difensur tal-atturi qal li l-azzjoni attriċi m'hijiex mibnija fuq il-kuntratt

[4] Dok "ZAK2" f'paġġ. 13 – 9 tal-proċess
[5] Dok "ZAK3", f'paġġ. 31 tal-proċess

tal-bejgħ u lanqas fuq difetti redibitorji, iżda hija mibnija fuq l-inadempiment kuntrattwali kemm f'dak li għandu x'jaqsam max-xogħol mogħti mill-imħarrkin u wkoll fin-nuqqas taż-żamma tal-wegħda tagħhom kostitwita mill-garanzija tal-prodott provdut;

Illi tajjeb li wieħed jinnota li l-kuntratt tal-1 ta' Mejju, 2002, jissejjaħ "*Contract of Works*" u mhux kuntratt ta' bejgħ. Huwa minnu li kuntratt jingħaraf minn dak li jkun hemm imniżżel fil-kundizzjonijiet u l-patti li jagħmlu minnu u mhux minn dak li jfettlilhom isejħulu l-partijiet. Iżda jekk wieħed kellu jħares lejn l-arranġament milħuq bejn l-atturi u l-imħarrkin, dan għandu jixhed li l-ftehim kien wieħed ta' appalt u mhux ta' bejgħ, fejn il-kuntrattur qiegħed jagħti kemm is-sengħa tiegħu u jipprovdi l-materjal (li, f'dan il-każ, inġab minn barra minn Malta);

Illi tassew li għal bosta snin id-duttrina l-aktar prevalenti, u li wkoll kienet aċċettata mill-qrati tagħna, kienet tgħallem li meta appaltatur jaċċetta ħatra li fiha jagħti x-xogħol tiegħu u wkoll jipprovdi l-materjal, dak l-appalt isir jixbah il-kuntratt tal-bejgħ, u għalhekk jingħataw lill-partijiet (l-iżjed lil dik il-parti li tkun qabbdet li jsir ix-xogħol) ir-rimedji li l-liġi tagħti lix-xerrej[6]. Imma, mill-kliem innifsu tal-liġi dwar l-appalt[7], tali regola tidher li hija simpliċistika wisq u ma twassalx tabilfors għall-qagħda fejn dejjem jitqies li huwa bejgħ dak in-negozju fejn min jitqabbad iforni wkoll il-materjal;

Illi għalhekk, biex wieħed jagħraf jekk negozju partikolari huwiex appalt inkella bejgħ, jidher li l-kriterji distintivi huma l-prevalenza tal-parti tax-xogħol mogħti fuq l-aspett tal-materjal fornit, b'mod li l-parti "*di fare*" tkun l-aktar f'idejn l-appaltatur u t-tmexxija tkun b'riskju tiegħu. Dawn il-kriterji għandhom joħorġu mir-rieda tal-partijiet imdaħħla fin-negozju partikolari li jkun[8]. Meta, imbagħad, il-ħaġa li

---

[6] Ara, b'eżempju, App. Kumm **7.10.1980** fil-kawża fl-ismijiet ***Carmelo Borġ vs Joseph Mifsud*** (mhix pubblikata), Kumm JH **17.5.1985** fil-kawża fl-ismijiet ***George Casha et vs George Delia pro et noe*** (mhix pubblikata) u App. Kumm. **1.6.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Farruġia vs Camilleri et noe*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.198**) u oħrajn

[7] Artt. 1633 u 1634 tal-Kap 16

[8] Kumm. **28.8.1951**fil-kawża fl-ismijiet ***Camilleri vs Mamo noe*** (Kollez. Vol: **XXXV.iii.639**)

tintalab titwettaq ma tkunx sempliċi għażla ta' oġġett li minnu l-appaltatur iwettaq fil-produzzjoni ordinarja tiegħu, dak in-negozju ma jibqax aktar wieħed ta' bejgħ, imma jieħu x-xeħta kollha ta' kuntratt ta' appalt[9];

Illi kieku l-Qorti kellha tqis l-azzjoni attriċi f'din il-kawża li għandha quddiemha, issib li l-atturi espressament bnewha fuq il-kuntratt tal-appalt u mhux fuq il-kwestjoni tan-nuqqas ta' konsenja ta' ħaġa li m'hijiex tal-kwalita' miftehma. Għalkemm l-użu ta' ċerti espressjonijiet jista' jagħti ħjiel ta' azzjoni taħt il-kuntratt ta' xiri-u-bejgħ, wieħed ma jistax jinjora x'qegħdin jitolbu l-atturi f'din il-kawża[10]. L-eċċezzjoni tal-parti mħarrka m'għandhiex tinbena fuq x'taħseb li messha jew x'setgħet kienet il-fehma tal-parti attriċi, imma fuq tassew x'kienet il-fehma u r-rieda tal-parti attriċi kif murija fl-għamla tal-azzjoni magħżula;

Illi, fid-dawl ta' dan kollu, ladarba l-imħarrkin jistrieħu espressament fuq l-artikolu 1407 tal-Kodiċi Ċivili biex isostnu l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, joħroġ li dik il-preskrizzjoni ma tgħoddx għall-każ fejn il-bażi tan-negozju ġuridiku jkun kuntratt ta' appalt. Huwa wkoll magħruf li l-jedd ta' azzjoni għal xi parti f'kuntratt ta' appalt jgħodd għaliha żmien ta' preskrizzjoni ieħor itwal[11] li, fil-każ tal-lum, ma seta' laħaq għadda qatt minħabba li kien imwaqqaf ukoll bis-saħħa tal-intima b'att ġudizzjarju min-naħa tal-atturi[12];

Illi għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija l-Qorti m'hijiex sejra tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Illi dwar l-**eċċezzjoni li wħud mill-atturi m'għandhomx *locus standi* f'din il-kawża** jixraq jiġi iċċarat li l-imħarrkin jirreferu għal uħud mill-entitajiet li l-attriċi *nomine* qiegħda tidher f'isimhom fil-kwalita' tagħha ta' Ekonomu ta' Monsinjur Arċisqof, Amministratur tal-Ġid tal-Knisja. Fi

[9] Ara P.A. PS **28.1.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Marcel Paċe Axiaq noe vs Joseph Camilleri et*** għal tifsira ċara u riċensjuri tad-distinzjoni bejn iż-żewġ suriet ta' kuntratti

[10] App. Ċiv. **24.3.1958** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Testaferrata Boniċi*** (Kollez. Vol: **XLII.i.153**)

[11] P.A. TM **3.7.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Direttur Ġenerali tax-Xogħlijiet Pubbliċi vs Charles Azzopardi***

[12] Art. 2128 tal-Kap 16

kliem ieħor, l-imħarrkin m'humiex qegħdin jgħidu li l-attriċi *nomine* m'hijiex parsuna li għandha *locus standi* fl-azzjoni tal-lum (u l-liġi lanqas tagħtihom li jqajmu eċċezzjoni bħal dik kontra tagħha f'dik il-kwalita'[13]), iżda biss li wħud mill-entitajiet li hija qiegħda tidher f'isimhom m'hemmx posthom f'din il-kawża. Jekk dan huwa minnu, l-imħarrkin jinħelsu milli jibqgħu fil-ġudizzju fil-konfront tal-imsemmija entitajiet, imma ma jinħelsux fil-konfront tal-bqija tal-atturi;

Illi r-raġuni mogħtija mill-imħarrkin biex isostnu din l-eċċezzjoni tagħhom tfissret b'mod għal kollox ċar mill-għaref difensur tagħhom waqt it-trattazzjoni b'dan il-mod: fuq il-kuntratt tal-1 ta' Mejju, 2002, la l-Knisja Parrokkjali tal-Mosta, la l-Azzjoni Kattolika u lanqas l-Oratorju tal-Qalb ta' Ġesu' tal-Mosta ma dehru, u għalhekk ma hemm l-ebda rabta ġuridika bejnhom u l-imħarrkin. La ma hemm l-ebda rabta ġuridika bejn dawk u dawn, allura l-imħarrkin m'għandhom iwieġbu bl-ebda mod lejn dawk l-entitajiet u għandhom jinħelsu milli jibqgħu fil-kawża fil-konfront tal-imsemmija entitajiet bi spejjeż għal dawk l-entitajiet;

Illi l-attriċi *nomine* tirribatti din il-linja ta' ħsieb billi tgħid li hija tirrappreżenat lil kull waħda mill-entitajiet attriċi u lkoll kemm huma għandhom interess li jmexxu 'l quddiem din il-kawża minħabba r-rabta tagħhom mal-post fejn tqiegħed it-tapit tal-ħaxix sintetiku u mal-effetti tan-nuqqasijiet li ħarġu fih. L-għaref difensur tal-attriċi *nomine* immatura l-ħsieb ta' dan l-istess argument billi, waqt it-trattazzjoni, rabat l-interessi ta' kull enti attur mal-eżitu tat-talbiet magħmula;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-eċċezzjoni m'hijiex tajba. Dan qiegħed jingħad għaliex, fl-ewwel lok, intwera s'issa minn kull wieħed mil-atturi[14] r-rabta patrimonjali jew ekonomika mal-post fejn tqiegħed it-tapit tal-ħaxix sintetiku martu tal-kawża. U fit-tieni lok, għaliex ladarba r-rabta maħluqa bil-kuntratt tal-1 ta' Mejju, 2002, kienet waħda ta' appalt, l-interess ġuridiku ta' kull wieħed mill-entitajiet attriċi fl-eżitu

---

[13] Art. 786(1) tal-Kap. 12

[14] Afidavit ta' Ray Bonniċi, Dun Anġlu Camilleri, Brian Cassar, l-attriċi u Dun Mario Tong f'paġġ. 63, 67, 68 *tergo*, 69 u 77 tal-proċess

tal-kawża huwa dirett u attwali u li dawn l-interessi huma minsuġa tista' tgħid ħaġa waħda;

Illi mqar jekk biss fuq il-bażi tal-interess ġuridiku li jsejjes il-jedd ta' parti li tkun f'kawża, lanqs din l-eċċezzjoni preliminari m'hija ser tintlaqa';

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad it-tielet eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin u ssib li l-azzjoni attriċi ma waqgħetx biż-żmien preskrittiv imsemmi f'dik l-eċċezzjoni billi dak iż-żmien ma jgħoddx għall-azzjoni tal-lum;

**Tiċħad is-sitt eċċezzjoni preliminari** tal-imħarrkin billi ssib li l-atturi kollha għandhom *locus standi judicio* fil-kawża tal-lum minħabba l-interess ġuridiku li huma għandhom fil-mertu tal-kwestjoni li tifforma l-bażi tat-talbiet tagħhom;

**L-ispejjeż marbuta mal-imsemmija żewġ eċċezzjonijiet preliminari** jkunu determinati mas-sentenza finali**.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------